MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 1192/1987/3

**Gaetano Sammut f'ismu proprju u ghan-nom tal-assenti Joseph Sammut u b'digriet ta' l-1 ta' Novembru 2002 stante l-mewt ta' Gaetano Sammut fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Charles Sammut bhala l-uniku eredi ta' l-attur Gaetano Sammut kif ukoll ghan-nom ta' l-assenti Joseph Sammut**

**vs**

**Pauline Sammut**

**Il-Qorti,**

Fl-10 t'April, 1996 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-attur pro et noe fl-20 ta' Novembru 1987 fejn talbu lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuta fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti tizgombra minn gol-fond numru mija u tmienja (108), Victory Street, Hamrun, li l-konvenuta qedgha tokkupa minghajr titolu validu u legali.

Ghall-fini tal-kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizju tal-fond ma jeccedix il-mija u hamsin lira Maltin fis-sena (Lm150). Il-konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni. Bl-ispejjez.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ipprezentata mill-konvenuta fil-21 ta' Jannar 1988 fejn eccepiet:-

1. Illi fl-ewwel lok din il-Qorti mhux kompetenti stante si tratta ta' lokazzjoni vera u propria.
2. Bla pregudizzju ghal fuq premess din il-Qorti mhix kompetenti ratione valoris u kif ukoll ad valorim u ghalhekk il-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.
3. Illi fil-bqija taghhom it-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt. Ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.
4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tat-8 ta' Marzu 1988 fejn il-konvenuta minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia ppresentati ssollevat eccezzjoni ulterjuri u cioe` illi hija ma kenitx il-legittima kontradittrici stante li l-fond in kwistjoni kien moghti b'titolu ta' lokazzjoni skond il-ligi lill-konvenut u r-ragel taghha fiz-zwieg u ghalhekk kellha tkun assistita minnu bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti.

L-attur sostna illi tali eccezzjoni ma setghetx tigi milqugha stante illi kellha tinghata preliminarjament u mhux meta diga` kien hemm eccezzjonijiet ohra konfligenti maghha.

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tat-12 ta' Lulju 1990 fejn il-Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuta li l-gudizzju mhux integru stante li kellu jigi

inkluz Carmelo Sammut bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti.

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tal-11 ta' April 1991 fejn irrevokat is-sentenza tat-12 ta' Lulju 1990.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta tat-18 ta' Mejju 1992 fejn eccepiet illi hija ghandha titolu ta' kommodat u ghalhekk ghandha titolu validu skond il-Ligi.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur pro et noe tal-20 ta' Mejju 1992.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta tat-22 ta' Settembru 1992.

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti tal-15 ta' Ottubru 1992 fejn laqghet it-talbiet attrici u ordnat l-izgumbrament tal-konvenuta.

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' April 1993 fejn annullat is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 1992.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-4 ta' Jannar 1994 fejn gie kjamat in kawza Carmelo Sammut. Rat is-sentenza ta' separazzjoni personali u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kjamat in kawza u l-konvenuta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migbura jirrizulta illi l-attur kien ta l-fond in kwistjoni lil Carmelo Sammut kjamat in kawza sabiex jghix fih meta dan kien johrog ma' persuna ohra. Sussegwentement Carmelo Sammut zzewweg lill-konvenuta u marru joqghodu fl-imsemmi fond u kellhom tifla.

Wara xi zmien sfaxxa z-zwieg bejn il-kjamat in kawza u l-konvenuta li wassal ghal separazzjoni u mbaghad ghal annulament. Carmelo Sammut mar jghix lura ma' missieru waqt li l-konvenuta u bintha baqghu jokkupaw il-fond meritu tal-kawza.

Jirrizulta illi l-attur kien ikkonsenja l-fond lill-ibnu Carmelo Sammut pero` zamm id-dritt li jiehdu meta jkollu bzonnu (ara xhieda a fol 6 u fol 31).

Gie stabbilit ukoll illi l-parti l-kbira tal-ispejjes inkorsi fil-fond waqt l-okkupazzjoni tieghu mill-kjamat in kawza u l-konvenuta gew imhallsa mill-attur.

Jirrizulta wkoll illi meta Carmelo Sammut pprova jipperswadi lil missieru jdawwar il-fond fuqu inqala' l-inkwiet bejniethom tant illi ghal sentejn lanqas kienu jitkellmu (ara xhieda a fol 33).

Fis-sentenza li ppronunzjat is-separazzjoni bejn il-kontendenti u dana dovut ghal htijiet tal-konvenut il-Qorti ma semmiet xejn dwar il-fond in kwistjoni ghajr li l-manteniment kellu jithallas fid-dar tar-residenza ordinarja taghha.

Ikkunsidrat:

Illi l-attur isostni illi l-konvenuta qieghda tokkupa l-fond meritu tal-avviz minghajr titolu validu u legali.

Il-fatti speci ta' dan il-kaz juru bic-car illi l-konvenuta dahlet fil-fond ghaliex dahhalha zewgha konsegwenti ghaz-zwieg taghha mieghu.

It-titolu taghha jidderivi minn dan il-fatt u skond it-titolu ta' zewgha l-kjamata in kawza bdiet tippartecipa f'dan it-titolu bi zwieg taghha mieghu. X'kien it-titolu ta' Carmelo Sammut?

Jidher car illi Carmelo Sammut gie mghoddi l-fond meritu ta’ l-avviz bhal akkomodazzjoni tieghu ghal perijodu ta’ zmien indeterminat u sakemm jigi bzonnu missier l-attur.

Skond il-kap 16 Att 1824 hemm il-komodat meta l-oggett mobbli jew immobbli jigi konsenjat ghal zmien determinat jew ghal uzu determinat.

Illi mill-kumpless ta’ xhieda prodott f’dan il-kaz jidher pjuttost ovvju illi l-fond 108 Victory Street, Hamrun gie konsenjat lill-kjamat in kawza ghall-uzu determinat u cioe l-akkomodazzjoni tieghu.

Meta mbaghad izzewweg l-konvenuta marret tghix mieghu u dana bil-kunsens tacitu tal-atturi u tal-kjamat in kawza.

Bla titolu validu jew legali fil-Ligi tfisser ghall-konvenuta illi hija dahlet tghix fil-fond minghajr ma kienet intitolata minghajr dritt u x’aktar bi vjolenza. Xejn mill-vertenzi tal-fatti f’dan il-kaz ma jikkonforta din it-tezi.

Illi gialadarba jidher illi l-konvenuta tokkupa l-fond b’titolu rikonoxxut mil-Ligi taghha, ma jistghax jinghad b’ebda mod kif premess fl-avviz illi l-konvenuta qieghda tokkupa l-fond minghajr titolu validu u legali.

Sikkome ma hemm ebda premessa ohra fic-citazzjoni din il-Qorti ma tistghax tippronunzja ruhha fuq kif u come jista’ jigi terminat it-titolu ta’ komodatum tal-konvenuta stante illi din tkun materja extra petita.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talbiet attrici.

Bla taxxa.”

L-attur proprio et nomine appella minn din is-sentenza b’sensiela ta’ aggravji fil-meritu, ahjar dettaljati fir-rikors ta’ l-appell tieghu.

Fil-kors tal-ezami taghha tal-process din il-Qorti innotat illi l-okkju tas-sentenza kien difettuz in kwantu ma kien

jikkontjeni l-ebda referenza ghall-imsejjah fil-kawza ta' Carmelo sive Charles Sammut.

L-antecedenti li wasslu biex dan jigi kjamat fil-kawza quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad kienu dawn:-

1. Fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' April 1993 (esebita a fol 193) fuq appell interpost mill-konvenuta ntqal li s-sentenza precedenti taghha tal-11 ta' April 1991 (fol 132) kellha tinftiehem illi Carmelo Sammut kellu jkun parti in kawza in kwantu t-titolu vantat mill-konvenuta kien jidderiva mill-fatt illi kien l-imsemmi zewgha li dahhalha fil-fond konsegwenti ghaz-zwieg taghha mieghu;
2. Moghtija din is-sentenza fl-ewwel okkazjoni li kellu l-attur permezz ta' rikors prezentat fit-28 ta' Ottubru 1993 (fol 200) talab li l-imsemmi Carmelo Sammut jigi kjamat fil-proceduri. Din it-talba giet milqugha bid-digriet ta' l-ewwel Qorti tal-4 ta' Jannar 1994 (fol 202).
3. Ciononostante, imbaghad, l-inkluzjoni fil-kawza tal-imsemmi kjamat la giet annotata fl-atti tal-kawza u wisq anqas fis-sentenza finali deciza fl-10 ta' April 1996 (fol 235) u li minnha gie intavolat l-appell odjern tal-atturi proprio et nomine.

Huwa pacifikatament akkolt illi zball jew nuqqas fl-okkju "hu zball ta' sustanza li l-Qorti ta' l-Appell necessarjament trid tissollevah "ex officio" in kwantu hu bl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jigu identifikati u huma d-drittijiet u l-obbligi ta' <u>dawk</u> il-partijiet – persuni kontendenti fil-kawza – li jkunu qed jigu determinati fis-sentenza appellata". ("**Joseph Busuttil –vs- Avukat Dottor John Mamo nomine**", Appell, 28 ta' Frar 1997).

Din l-istess sentenza mbaghad issoktat tosserva, anke b'referenza ghall-gudikat iehor tal-Qorti ta' l-Appell riportat a **Vol LXXVIII pII p133**, illi l-Qorti ta' l-Appell fit-termini ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12 ghandha l-fakolta` li tikkorregi kull zball li jigi pprezentat <u>wara</u> s-sentenza ta' l-ewwel istanza imma li tali fakolta` ma testendix sas-sentenza li tkun appellata quddiemha. Inghad illi "s-sitwazzjoni ma jidherx li tbiddlet bl-emendi li saru fil-Kodici ta' Organizazzjoni u

Procedura Civili bl-Att XXIV tal-1995 u s-subinciz 2 ta' l-Art 175 infatti ma jirrizultax b'xi mod emendat".

Dan premess necessarjament ifisser illi huwa mehtieg illi l-okkju tal-kawza jigi sewwa u bi precizjoni registrat fis-sentenza tal-Qorti fejn si tratta tal-<u>partijiet</u> in kawza. Partijiet li bil-ligi huma hekk konsiderati fit-termini preciz taghha. Ara decizjoni ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-20 ta' Ottubru 2003 fil-kawza fl-ismijiet "**Ivan Borg pro et noe –vs- George Aquilina et**".

Indubbjament, il-kjamat in kawza huwa parti in kawza u meta ammess ghall-integrazzjoni tal-gudizzju, jirrivesti l-libsa ta' konvenut u jista' ghalhekk jigi kkundannat jew liberat mit-talba. Dan a differenza tal-intervenjenti in kawza, li la hu konvenut u lanqas attur, u konsegwentement l-omissjoni tieghu fl-okkju tas-sentenza ma jgib l-ebda nullita` (**Vol XLVII pI p271**).

Jirrizulta minn dak rilevat supra illi l-kjamat in kawza Carmelo sive Charles Sammut ma jinsabx raffigurat fl-okkju tas-sentenza appellata. Il-konsegwenza allura hi li meta dan in-nuqqas jigi rilevat minn Qorti tat-tieni istanza din ma tistax taghmel haga ohra hlief li tikkonstata l-izball mhux korrett jew in-nuqqas u tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti (**Vol XXXVI pI p200**).

Il-korrezzjoni mehtiega trid issir mill-istess l-ewwel Qorti li ppronunzjat is-sentenza wara li taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-element tal-pregudizzju fil-proceduri li jkunu saru quddiemha fir-rigward tal-persuni li kienu l-oggett ta' dan l-"izball". Ara a propozitu decizjoni fl-ismijiet "**Victor Zammit et –vs- Joseph Stivala**", Appell, 19 ta' April 1999.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata u tirrimetti l-atti lill-Qorti ta' prim'istanza ghall-konsiderazzjoni ulterjuri tal-vertenza u l-eventwali decizjoni. L-ispejjez taz-zewg istanzi li jirrigwardaw dan l-incident jibqghu fic-cirkostanzi bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------